**Laqgħa Numru 17**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**7 t'Ottubru 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Ix-Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.40 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

Margrete Psaila - Moniteraġġ u Sapport

## 17.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

17.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

17.1.2 Is-Sindku stieden lis-Senior Clerk Bernardette Vella tindirizza lill-Kunsill. Is-Sa Vella spjegat li kellha time-off akkumulat matul is-snin li xtaqet li tieħdu over-time. Dan wara li min-naħa tal-HR tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali din il-ħaġa setgħet isir. Il-membri tal-Kunsill qablu li dawn is-siegħat jitħallsu f'over-time.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

17.2.1 Il-Kunsilliera ngħataw ħin biex jaraw il-minuti. Waqt li l-Kunsilliera kienu qed jaraw il-minuti biex dawn jiġu approvati, il-Kunsilliera Jeanelle Attard resqet mozzjoni mhux bil-miktub issekondata mill-Kunsillier Domenic Zerafa kontra l-aġir tas-Segretarju fejn kienet qed takkuża lis-Segretarju li ma kelliex dritt li tqabbad l-avukat tal-Kunsill biex jinforma lill-NGO biex jieqfu jużaw il-kamra fil-librerija Is-Segretarju spjegat li kien offra l-Avukat waqt li ħasset li peress li kienu diġa' qed jokkupaw il-kamra u anke wara l-artiklu li kien deher fuq ix-Shift News kien jagħmel aktar sens li tintbagħat min-naħa tal-avukat. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew li dan imur kontra l-liġi u li s-Segretarju ma kellha l-ebda dritt li tqabbad l-avukat mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera kollha ivvutaw favur waqt li s-Sindku assesstjena.

Din il-mozzjoni ġiet annullata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali permezz ta' kommunikat fl-14 t'Ottubru 2020 li ntbagħat mid-Direttur tal-Gvern Lokali hekk kif tali mozzjoni ma kinitx legalment valida hekk kif ma saritx skond il-proċedura li titlob il-liġi f'ordni permanenti 7 tas-sitt skeda tal-Att dwar Gvern Lokali. Barra minnhekk id-Dipartiment ikkonferma li tul il-proċess kollu s-Segretarju aġġixiet in konformita mal-liġi billi qdiet dmirijiet kif rikjest f'artikolu 52 tal-Att u anke talbet gwida lid-Dipartiment rigward il-materja.

17.2.2 Tressqet mozzjoni oħra mhux bil-miktub mill-Viċi Sindku Paul Azzopardi ssekondata mill-Kunsillier Domenic Zerafa fejn talab li l-Kunsill kellu jħalli lill-NGO tagħmel użu mill-kamra fil-librerija sakemm l-NGO jkollha bżonn. Il-Viċi Sindku elenka li ma jarax li l-imejl bl-avukat biex l-NGO toħroġ mill-kamra kien qed jagħmel sens u dan ma kien ta' ġid għall-ħadd anke peress li l-NGO kienet għaddejha bl-arranġamenti neċċessarji bix tingħata post mill-MGOZO. Il-mozzjoni għaddiet bi qbil unaninamu.

Din il-mozzjoni ġiet annulata min-naħa tad-Dipartiment permess ta' kommunikat fl-14 t'Ottubru 2020 mid-Direttur tal-Gvern Lokali fejn informa lill-Kunsill li din il-mozzjoni mhix legalment valida għax ma saritx skont il-proċedura li titlob il-liġi f'ordni permamenti 7 tas-sitt skeda tal-Att dwar Gvern Lokali. Barra minnhekk id-Dipartiment insista li kien dejjem ċar fil-gwida tiegħu u mill-fatti preżentati dejjem ġie ritenut illi tali użu tal-kamra mill-NGO ma kienx permess mil-liġi. Fl-istess kommunikat il-Kunsill kien qed jiġi ordnat li jirregolarizza ruħu mill-aktar fiss possibli.

Wara li għaddiet il-mozzjoni, is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni rigward l-użu tal-librerija waqt il-ħin tal-iskola hekk kif kien intbagħat kkomunikat mill-Malta Libraries. Il-Kunsill iddiskuta u kien hemme qbil li kellha tieħu ħsieb il-Kunsilliera Jeanelle Attard,

responsabli mid-dekasteru tal-Edukazzjoni, biex tikkomunika mal-Awtoritajiet tas-Saħħa jekk dan is-servizz fil-librerija jistax jingħata waqt il-ħin tal-iskola jew le.

17.2.3 Il-minuti tal-laqgħa Nru 16 li saret nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2020 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv wara korezzjonijiet mitluba mill-Kunsilliera Jeanelle Attard.

*Is-Sindku talab li tinbdel l-ordni tal-Agenda minħabba li s-Sur George Azzopardi kien qed jistenna. Għalhekk gie diskuss item 17.5 qabel 17.3.*

**17.5 Ġnien Blankas**

17.5.1 Fis-6.45pm daħal fil-kamra tal-Kunsill George Azzopardi fejn is-Sindku talbu jispjega lill-Kunsill fuq dak li kien ħadem fuqu fil-passat biex isir mużew u ġo fih ikunu jistgħu jinġabru l-65-il biċċa fdalijiet li kienu nstabu fl-istess masaġar. Is-Sur George Azzopardi spjega li waqt li kien sar ħafna xogħol fuq dan il-proġett, il-pjanti ma kinux ġew sottomessi mal-PA. Il-Viċi-Sindku spjega li dawn ma kinux ġew sottomessi minħabba problema tat-trenching għad-dawl u kkonferma li kien hemm ukoll problema mal-Lands. Is-Sindku spjega li kien tkellem mal-Inġinier Charles Borg fejn kien spjegalu li jekk isir armoured cable ma jkunx hemm problema biex joħroġ permess mill-PA. Il-Kunsill iddiskutta ukoll il-possibilita' li ssir sistema tal-elettirku permezz tal-paneli. Il-Kunsill iddiskutta li l-kamra eżistenti mhix kbira biżżejjed għal mużew u għahekk tajjeb li isiru 2 hallways b'anke reception area. Il-membri qablu li l-Kunsill kellu jara jekk il-Perit li kien ħadem fuq dan il-proġett għadux interessat jaħdem fuq dan il-proġett. Is-Sur George Azzopardi spjega li kienu ntafqu ħafna flus u s'issa ma kien hemm xejn tanġibli.

17.5.2 Is-Sindku rrefera għar-rapport mal-pulizija u korrispondenza lilu mis-Superintedenza tal-Wirt Nazzjonali minħabba Dolmen f'art privata biswit Masġar ta' Blankas. Is-Sindku kkonferma li kien mar flimkien mas-Sur Azzopardi fejn ma kienx jidher li sar vandaliżmu fuq din il-ġebla. Is-Sur George Azzopardi spjega li kien fittex anke ritratti antiki tal-istess ġebal fejn fejn jidher li kollox baqa' l-istess altru għal tiġrib fil-ħitan tas-sejjieħ li jmiss magħha. Is-Sur Azzopardi talab li peress li issa din il-ġebla tilfet is-sapport kien ikun għaqli li l-ħitan ta' biswit id-Dolmen jiġi rrestawrati hekk kif kien għaddej xogħol ta' restawr fuq ħitan tas-sejjieħ fl-istess masġar. Is-Sur Azzopardi ġibed l-attenzjoni biex il-Kunsill jara li ma jibqgħux jinfetħu aċċessi għall-propjetajiet privati. Is-Sindku ssuġġerriexxa li għandu jkun hemm aċċess limitat permezz ta' bollards u l-bdiewa għandhom jiġu għaċ-ċavetta il-Kunsill.

*7.26 pm Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġiet skużata mil-laqgħa tal-Kunsill*

**17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

17.3.1 **Triq Santa Eliżabetta** Is-Sindku spjega li kienu ser isiru bankini ġodda mill-ħaddiema tal-Ministeru t'Għawdex f'din it-triq. Dan wara li l-istima kienet waħda sostanzjarja biex wieħed jaħdem il-bankini bit-tender tar-Resurfacing fuq l-istess triq apparti li ma kienx line item fit-tender li jinkludi l-bini ta' bankini ġodda.

17.3.2 **Skema ta' Gym fuq Barra** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-Ministeru t'Għawdex kien għadu kif ħabbar li kien ser inidi skema għall-Open Gym Equipment fejn il-Kunsilli setgħu jigwadanjaw sa €5,000. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew li l-Kunsill kellu japplikka għall-gym equipment fil-playingfiel ta' Ġokk.

17.3.3 **Librerija** B'referenza għal-librerija u l-miżuri li riċentament ġew imposti biex waqt il-ħin tal-iskola, l-librerija ma tinfetaħx u tiftaħ biss wara l-ħin tal-iskola, is-Sindku kkomunika li kien tkellem mal-Mon Gauci fuq il-possibilta' li jsir passaġġ biex il-librerija tkun tista' tkun aċċessibli anke waqt ħin l-iskola. Is-Sindku kompla jispjega li d-Direttur tal-Leap kien lest li jagħti l-aċċess mil-Leap imma kien qed jitlob li jieħu kamra mil-librerija. Waqt li ma saret l-ebda votazzjoni, l-membri tal-Kunsill ma kinux tal-opinjoni li dan għadu jseħħ.

17.3.4 **Ġnien Il-Ħaddiem** Is-Sindku rreferra għall-proġett maħsub min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex fejn spjega li min-naħa tal-Planning Authority kienu talbu li ssir amenda biex isiru ventilaturi fl-istore/garaxx.

17.3.5 **Jum Ix-Xewkija** Is-Sindku u l-Kunsilliera ddiskuttew Jum Ix-Xewkija fid-dawl tal-pandemija fejn kien hemm qbil li l-Premju Gieħ Ix-Xewkija u Ħidmet Iż-Żgħażagħ jingħataw fir-Rotunda wara l-quddiesa ta' radd il-ħajr nhar is-27 ta' Novembru 2020. Dan dejjem jekk ikun hemm l-approvazzjoni min-naħa tal-Arċipriet

17.3.6 **Laqgħa Formali mal-Ministru t'Għawdex** Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill għandu jitlob laqgħa formali mal-Ministru t'Għawdex. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu waqt li s-Segretarju ħadet nota ta' dan.

17.3.7 **San Valentinu** Is-Sindku spjega li kien qed jitħejja programm min-naħa ta' MGOZO u hemm il-ħsieb li jintuża Masġar Blankas biex wieħed ikun jista' jmur jara film. Il-membri preżenti qablu ma' dan waqt li s-Sindku wera x-xewqa li jerġa' jsir il-Passjoni fl-istess masġar. Il-Viċi Sindku responsabli mill-Kultura kellu jqajjem dan l-avveniment fil-laqgħat tas-Sotto-Kumitat.

17.3.8 **Bye-Law għal Ġnien Blankas** Is-Sindku spjega li kienet saret talba biex isir riċeviment ta' tieġ fi Ġnien Blankas. Waqt li l-membri preżenti ma sabu l-ebda oġezzjoni, is-Sindku spjega li l-Kunsill għandu jmexxi biex ikollu bye-law fis-seħħ biex jinkera dan il-masġar għall-avvenimenti. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

17.3.9 **Toroq White Roads** Is-Sindku spjega li kien ġie mitlub mill-Ministeru biex isir eżerċizzju fuq toroq bħal Triq Ir-Rotunda, Triq L-Arċipriet Ġużepp Grech u Triq Il-Barrieri. Kien deċiż li għandha ssir laqgħa mal-Perit biex isir eżerċizzju fejn jiddetermina fejn hemm toroq li għadhom privati jew fejn hemm kawżi pendenti fuqhom.

**17.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

17.4.1 Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill kellux indikazzjoni meta kienu ser jerġgħu jibdew joperaw l-Arms mil-Leap wara li kienu waqqfu s-servizz f'Marzu minħabba l-Covid.

Is-Segretarju ikkomunikat li kienu ntbagħtu diversi imejls imma qatt ma kellna risposta li dan is-servizz kien se jerġa' jissokta mill-ġdid. Il-Viċi Sindku talab li tintbagħat imejl lill-Ministru tal-Enerġija fejn nissistu li d-domanda għal dan is-servizz hija kbira min-naħa tar-residenti u dan is-servizz għandu jerġa' jibda jiġi offrut minnufih. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan

17.4.2 B'referenza għall-Bye-Law li kien qed jaħdem fuqu l-Kunsill ta' San Lawrenz u li ntbagħtet min-naħa tar-Reġjun biex il-kunsilli l-oħrajn ikunu jistgħu jaddottaw kolletivament, il-Viċi Sindku spjega li hu ma jaqbilx li l-Kunsill jidħol f'din il-Bye Law. Is-Sindku spjega li hu kien tal-istess fehma.

17.4.3 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li jintbagħtu l-ħaddiema biex titnaddaf Triq Ħaġret L-Armi mit-terrapien li inġabar. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

17.4.4 Il-Kunsillier John Vella talab biex tinġibed l-attenzjoni biex x'ħin jitbagħtlu l-BIS tal-Barmil jieħu ħsieb li jiġbor il-ħmieġ li jkun hemm madwar il-BIS.

17.4.5 Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew il-ħruġ tal-permessi għall-cranes u makkinarju kbir nhar ta' Sibt u l-inkonvenjenza li tinħoloq. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li m'għandhomx joħorġu permessi nhar tas-Sibt.

**17.6 Rapporti tal-Bord tas-Selezzjoni-Haddiem tal-Maintenance taħt l-Iskema CIES**

17.6.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill ġie ppreżentat ir-rapport tal-Bord tas-Selezzjoni għall-ħaddiema taħt l-iskeam CIES. Il-bord kien qed jipproponi lis-Sur Brian Portelli. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament approvaw dan ir-rapport waqt li awguraw lis-Sur Portelli.

**17.7 Rapport tal-Evalwazzjoni fuq is-Sejħa tal-Offerti:**

17.7.1 **Period Contract for Road Repairs and Asphalting Works in Xewkija-** Ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill għall-attenzjoni tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament approva dan ir-rapport biex b'hekk din l-offerta ntrebħet minn Road Structure Ltd.

17.7.2 **Tender for Street Sweeping and Cleaning of Urban Roads using Low Emission Service Vehicles-Xewkija Local Council** Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament approva ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni fuq din l-offerta. Din l-offerta ntrebħet minn Sultech & Co Ltd.

**17.8 Ħatra Bord tal-Evalwazzjoni-Outdoor Display Multimedia Screen**

17.8.1 B'referenza għas-sejħa għall-offerti għall-Outdoor Display Screen, il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li l-evalwaturi għandhom ikun is-Sur William Sultana u l-Inġinier Mario Cauchi waqt li chairperson toqgħod is-Segretarju Eżekuttiv.

**17.9 Applikazzjoni SPI Finanzjament ta' Proġetti Kapitali, Aċċessibilita' u Mobilita'-Slow Street Project**

17.9.1 B'referenza għall-iskema maħruġa mid-Dipartiment SPI/SCI/5/2020 is-Sindku spjega kif dan il-proġett jista' jiġi applikat fuq il-Pjazza tax-Xewkija u li f'dan il-proġett ir-Reġjun kien lest li jagħti l-assistenza tiegħu f'fondi għall-istudju mill-periti mqabbda mill-AKL. Il-membri preżenti ddiskuttew u qablu li l-Kunsill għandu japlikka. Dan dejjem jekk wara l-istudju neċessarju mill-Perit jkollna konferma li dan il-proġett jista' jsir.

**17.10 Korrispondenza u Ilmenti**

17.10.1 02/09/2020 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet gwida mill-ġdid lid-Dipartiment dwar l-użu tal-kamra fil -librerija mill-NGO Voice for Inclusion.

17.10.2 02/09/2020 Is-Segretarja Eżekuttiv bagħtet il-korrrispondenza kollha li għaddiet bejnha u bejn id-Dipartiment lis-Sindku u Kunsilliera.

17.10.3 02/09/2020 Imejl lid-Dipartiment mill-Kunsilliera Jeanelle Attard fejn iċċarrat xi punti min-naħa tagħha dwar l-użu tal-kamra fil-librerija

17.10.4 03/09/2020 Korrispondenza għall-Premju Soċjeta' Ġusta.

17.10.5 03/09/2020 Korrispondenza mill-Ass Prinċipal lill-TM biex jitnehhew l-'yellow lines' ta' Triq Santa Katerina lis-Sindku u Kunsilliera.Korrispondenza mill-Kunsilliera Jeanell Attard rigward l-istess linji u anke mill-Viċi Sinku b'risposta mill-istess Ass Prinċipal.

17.10.6 03/09/2020 Kommunikazzjoni lill-Kunsill rigward ħsarat fis-sieq tal-perspex screen fil-librerija wara rapport mil-librara.

17.10.7 03/09/2020 Ittra minbgħut mir-Reġjun Għawdex lill-Prim Ministru b'rabta mar-Registrazzjoni ta' Artijiet ġodda.

17.10.8 04/09/2020 Cir AKL 2020/099 Cleaner Vechicles LCA Report mibghuta lis-Segretarja Ezekuttiva, Sindku, Vici-Sindku, Kunsilliera.

17.10.9 07/09/2020 Ċir AKL 2020/095 dwar tindif ta' culverts tal-ilma tax-xita.

17.10.10 08/09/2020 Reminder minghand l-Assistant Principal lis-Sindku u Kunsilliera dwar 'Life Integrated Promotion and EASME Support.

17.10.11 09/09/2020 Korrispondenza mingħand Alexandra Vella mill-WasteServ rigward il-'European Week for Waste Reduction'.

17.10.12 10/09/2020 Korrispondenza mibgħuta mill-Perit lis-Sindku u Kunsilliera li bagħat il-Perit ricentament fuq il-Playing Field tal-Barmil.

17.10.13 10/09/2020 Korrispondenza mis-Sindku u Viċi-Sindku fejn ikkonfermaw li ma jaqblux li ssir l-attivita tal-Gaudos 10K minħabba l-Covid.

17.10.14 11/09/2020 Korrispondenza minghand AVV. Jonathan Mintoff dwar data Protection Contact Tracing li giet lis-Sindku u Kunsilliera.

17.10.15 11/09/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarjo Ezekuttiv lis-Sur Micallef dwar l-attivita 10K fejn infurmatu li l-Kunsill kien tal-fehma li ma ssirx minħabba l-Covid.

17.10.16 11/09/2020 Imejl mis-Segretaru tar-Reġjun Għawdex fejn bagħat li ser isir taħrig b'rabta mal-Progett u Implimentazzjoni ta' Strategija Kulturali ghall-Kunsilli Lokali.

17.10.17 11/09/2020 Korrispondenza minghand is-Sur Micallef fejn indirizza lis-Sindku u membri tal-Kunsill u qallihom li ma jarax ghaliex din l-attivita tal-maratona ma ghandhiex issir meta kienet awtorizzata mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

17.10.18 11/09/2020 Korrispondenza mingħand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali tas-Sezzjoni tal-Monitoring Section fejn kien qed jitlob il-kummenti tal-Kunsill wara l-artiklu li dehre fuq ix-Shift News waqt li reġa' qal li l-Uzu tal-Kamra tal-Story Telling ma hux permess hekk kif m'hemmx Bye-Law.

17.10.19 14/09 Planning Newsletter Issue no 28/20.

17.10.20 14/09/2020 Il-Kunsilliera Jeanelle baghtet email fejn qalet li l-Kunsill għandu jinforma lill-NGO bid-direzzjoni tad-Dipartiment dwar l-użu tal-kamra tal-Story Telling.

17.10.21 15/09/2020 Korrispondenza lis-Segretarja Ezekuttiva minghand AVV. Jonanthan Mintoff fuq ġbir ta' data ta' minn jiġi l-Kunsill.

17.10.22 15/09/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Ezekuttiv lis-Sindku u lill-Kunsilliera fejn infurmathom li wara li ħadet parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill, l-NGO ghandhom żmien xahar biex isibu post alternattiv.

17.10.23 15/09/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarj Eżekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera dwar l-offerti mitfugħa għall-iscreen tal-pjazza.

17.10.24 15/09/2020 Cirk 7/2020 Komunikat dwar ħruġ ta' permessi mill-Kunsilli Lokali.

17.10.25 16/09/2020 Is-Segretarj Ezekuttiv bagħtet korrispondenza lil Ufficjal tal-Arms Ltd fejn staqsiethom meta ser jerga jibda jinghata is-Servizz ta' ħlasijiet tal-kont tal-ilma u dawl fix-Xewkija.

17.10.26 16/09/2020 Korrispondneza dwar kwotazzjonijiet miġbura għat-transport tal-iskola.

17.10.27 18/09/2020 Newsletter Planning Authority no 29/20.

17.10.28 22/09/2020 Cir AKL 2020/104 dwar maniġġar ta' siti ta' Devoluzzjoni ghand il-Kunsilli Lokali.

17.10.29 22/09/2020 Cir AKL 2020/106 Re-Memo Covid 19 u Minuti tal-Laqgha Ezekuttiv 37

17.10.30 22/09/2020 Cir AKL 2020/108 dwar il-Festi bhala Wirt Intangibli Dinji.

17.10.31 22/09/2020 Cir AKL 2020/109 Dati ta' għeluq ta' snin tas-Sindki, Kunsilliera, SE u ħaddiema.

17.10.32 13/09/2020 Korrispondenza dwar temi ta' kotba li jixtieq il-Kunsill li se jiġu offruti mir-Reġjun ta' Ghawdex.

17.10.33 2/09/2020 Korrispondenza dwar it-tilqima tal-influenza lid-Diretter tal-Gvern Lokali.

17.10.34 28/09/2020 Korrispondenza minghand il-Community Chest Fund dwar xiri ta' 17.10 ponzjetta ghall-bżonn tal-MCCF.

17.10.35 28/09/2020 Cirkulari Nru SPI/4/2020 – Informazzjoni dwar l-Integretazzjoni u Rijabilatazzjoni ta' tfal li rritornaw mill-Istat Izlamiku mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

17.10.36 29/09/2020 Korrispondenza minghand l-Assoccjazzjoni Kunsilli Lokali lis-Sindki, Vici Sindku, Kunsilliera u Segretarji Ezekuttivi dwar skejjel li mhumiex se jkollhom Pulizija jew Ufficjal tal-Lesa waqt il-hrug u dhul tat-tfal tal-iskola.

17.10.37 29/09/2020 Skema tas-Slow Street imniedija mill-fondi tal-Unjoni Ewropea fejn infurmat lill-Kunsilli li ser ittiehom ghajnuna fil-mili ta' formoli jekk huma interessati f'din l-iskema.

17.10.38 30/09/2020 Korrispondenza mingħand l-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar żjara tal-Onorevoli Carmelo Abela fis-16 ta' Ottubru, 2020 fis-2.00p.m. fil-Kunsill Lokali tax-Xewkija.

17.10.39 30/09/2020 Cirkulari AKL 2020/110 ADHD Awareness Month October

17.10.40 30/09/2020 Agenda Numru 17 ghall-laqgħa tal-Kunsill skedata l-Erbgħa 7 ta' Ottubru, 2020 fl-4.30p.m.

17.10.41 02/10/2020 Cir AKL 2020/113 Sezzjoni Informattiva tal-Assigurazzjoni u Sahha u Sigurta fuq il-post tax-Xoghol.

17.10.42 02/10/2020 Planning MT Newsletter No 31/20.

17.10.43 02/10/2020 Cir AKL 2020/112 Influenza Vaccination Schedule Final – Health Centers, Community Clinics and Local Councils.

17.10.44 04/10/2020 Minuti 16 tal-laqgha tal-Kunsill.

17.10.45 05/10/2020 Aggornament Tilqima kontra l-influwenza lill-persuni li huma 'homebound' mibghuta minn Ms Silvana Agius mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali lis-Segretarji Ezekuttivi.

17.10.46 Talba biex tiżdied mirja oħra fi Triq Hamrija fejn giet two ways. Din għaddiet għall-approvazzjoni minn TM.

17.10.47 Talba biex jinġabar skart ghax hargu l-borza kmieni s-sewda minn Triq Dar Rumana u titwahhal tabbella halli ma jintefghax zibel.

17.10.48 Talba biex jiżdiedu yellow lines fi Triq Cappelli. Din għaddiet għall-approvazzjoni ta' TM.

17.10.49 Talba biex isir mera fil-qasam ta' Sannat , triq 'l isferl mill-playingfield ta' Sannat. Ġie deċiż li għandha tgħaddi għall-approvazzjoni ta' TM.

17.10.50 Talba biex isir tabella għal-No Heavy Vehicles fi Triq Santa Teodora. Il-Kunsill iddeċieda li kellha ssir.

**17.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

17.11.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**17.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

17.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.05pm.Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru 2020 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **12 ta' Novembru 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ______________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |